Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17

**21 t' Awissu 2025**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 21 t' Awissu 2025 fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joeline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Mario Gauci - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 17 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **17.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **17.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 17.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 16, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u ġew issekondti mill-kunsillier s-Sur Mario Gauci. |
| **17.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 17.03.01 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li l-kunsill irċieva imejl datata 20 t' Awissu 2025 minn għand il-kuntrattur tal-knies numru tat-tender SLC/T/02/2024 fejn ser iwaqqaf is-servizz tiegħu b'efett mil-31 t' Awissu 2025. Il-Kunsilliera unanimament qablu li jirrikorru għad-dipartiment tal-cleansing sabiex jingħatgħu is-servizzi ta' dan id-dipartiment imexxi mis-Sur Ramon Deguara taħt il-Ministeru tal-Onor. Is-Sur Glenn Bedingfield. |
| 17.03.02 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li daħal ilment fl-Open Gym li qed ikun hemm ħmieġ żejjed u li l-grada mhux qed talaq. Il-Kunsill ser jgħid lil ħaddiema tal-kunsill ta' fuq barra sabiex jieħdu ħsieb. |
| 17.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti dwar stedina mill-Partit Nazzjonalista lil membri kollha tal-kunsill kif ukoll lis-segretarju eżekuttiv u staff għal-riċiviment tal-festa Marija Bambina fl-4 ta' Settembru 2025 fit-8:00pm fis-sala tal-każin Nazzjonalista, kif ukoll stedina mill-Każin tal-Banda fejn fl-1 ta' Settembru ser ikun hemm riċiviment ġewwa l-każin tal-Banda u fil-5 ta' Settembru ser issir il-kunċert barra l-każin tal-Banda. |
| 17.03.04 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsill din is-sena ħaseb sabiex jagħmel pjanta kif ser jitpoġġew il-kiosks fir-Regatta fil-parkeġġ ta' quddiem il-ground tal-futbol. Importanti li ma jinbiħx xorb fil-fliexken tal-ħġeiġ u jżommu l-indafa. |
| 17.03.05 | Is-sindku rċieva imejl minn għand is-Sur Brady Degiorgio fejn xtaq li jarma l-grawnd tal-futbol b' logħob għat-tfal bi ħlas mil-1 sat 8 ta' Settembru 2025. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera ġie deċiż li jintalab il-prezz ta' 100 ewro kuljum. |

| | |
|---|---|
| 17.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li din il-ġimgħa kine hemm problema ta' multi dwar karozzi ipparkjati fuq il-bankina fi Triq il-Vitorja għalhekk il-kunsill waħħal bollards oranġjo fil-kantuniera. Is-Sindku iddiskuta wkoll mal-kunsilliera dwar talba sabiex fi Triq il-Miġja tal-Papa, minn fejn titla' l-vara tal-Bambina fid-dawra jitneħħew 3 parking bays u jsir yellow lines għaliex meta jgħaddu trakkijiet kbar huwa ta' periklu għall-gallarijiet li hemm fil-kantuniera, għaliex biex ma jolqtux il-karozzi li jkunu ipparkjati fid-dawr jagħfsu mal-bankina u trakkijiet għoljien jiġu mal-gallarija. Numru tar-referenza tal-ittra mit-TM huwa 04/TMD/25/03. Wara diskussjon mal-kunsilliera ġie diskuss li jitneħħew parking bays għal-karozzi u jsiru għal-muturi mit-tul. |
| 17.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li intbgħatu wkoll żewġ referenzi oħra mit-TM. Ittra b' numru ta' referenza 12487 talba għal-parkeġġ riservat personalizzat quddiem numru 102, Triq is-Sur l-Isla, il-kunsilliera qablu dwar dan il-parkeġġ riservat personalizzat.<br><br>L-Ittra l-oħra li hija datata 4 ta' Frar 2025 b'referenza numru 62/TMD/25/03 sabiex issiru Bollards fi Triq Mons Panzavecchia k/m Triq il-31 ta' Marzu 1979, il-kunsilliera qablu unanimament dwar dawn il-bollards. |
| 17.03.08 | Is-sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irċieva imejl minn għand resident li għadu kif ġie joqgħod fi Sqaq il-Ġnien fejn qed jgħid li hemm bżonn ta' irranġar f' dan l-isqaq minħabba diversi nuqassijiet ta' sistema ta dranaġġ u katusi minn fejn jgħaddi l-ilma tax-xita b'konsegwenza li meta joqgħod l-ilma f'dan is-sqaq apparti l-intina, titħala lega ta' tajn fejn ikun ta' inkonvejnet għal-pubbliku, aktar u aktar għar-residenti li joqogħodu hemm. Huwa wkoll ta' inkonvenjent li wieħed ma jistax joqgħod f'gallarija minħabba li jkun hemm ħafna nemus minħabba dan il-fatt tal-ilma qiegħed. Il-Viċi Sindku issuġġerix li jmorru fuq il-post biex jaraw x'jista issir. |
| 17.03.09 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet imejl datat 13 t' Awissu 2025 minn għand is-Sinj. Maeve Portelli sabiex issir U bar fuq l-isprall tar-residenza tagħha fi Triq San Lawrenz għaliex kull darba qed jinkisrilha l-isprall mnħabba vetturi kbar li jgħaddu minn hemm. |
| 17.03.10 | Is-Sindku ressaq is-suġġeriment tal-Arċipriet Fr. Robin Camilleri sabiex jintuża il-van tal-kunsill mis-Sur Casingena raġel affidabli u volontarju fi żmien in-novena. Il-Kunsilliera qablu unanimament, għalhekk ser issir tabelli fi tlett żoni minn fejn ser irikkeb lir-residenti għan-novena, mil-Pjazza 4 ta' Settembru , minn fejn il-knisja ta' San Filippu u mix-xatt fejn il-Bust J.B. Azopardo. |

| | |
|---|---|
| 17.03.11 | Is-Sindku ressaq il-permessi mill-Puluzija dwar l-attivitajiet għaż-żminijiet tal-festa mil-1 sad-9 ta' Settembru . |
| 17.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irċieva imejl minn għand MFWS dwar il-laqgħat li ser issiru fis-sala tal-kunsill miż-żagħżagħ.<br>Id-dati huma:<br><br>It-Tlieta 23 ta' Settembru bejn l-4.30pm u l-5.30pm<br>It-Tnejn 6 t' Ottubru bejn l-4.30pm u l-5.30pm<br>It-Tlieta 11 ta' Novembru bejn l-4.30pm u l-5.30pm<br>It-Tlieta 2 ta' Diċembru bejn l-4.30pm u l-5.30pm |
| 17.03.13 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li fl-1 ta' Settembru Boiler Wharf ser ikun miftuħ għar-residenti *first come first serve*. Il-Viċi Sindku talab li fil-5 ta' Settembru jkun miftuħ għall-Bandisti minħabba l-kunċert. Is-Sindku ser jerġa jibgħat lit-TM. |
| 17.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li qed issiru laqgħat sabiex jitnħejja lprogramm tal-attivita li ser issir Minn Pjazza għall-Pjazza li għal din l-attivita l-kunsill ingħata l-Fondi. Din l-attivita ser i ssir fit-18 t' Ottubru 2025 fuq il-Forti San Mikiel. |
| 17.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li waqt il-laqgħa tar-Reġjun Port ġie diskuss sabiex jiltaqa' ma l-arċipriet sabiex jatih informazzjoni dwar il-Ġimgħa l-Kbira fil-Belt tal-Isla minħabba l-Bid Book biex jitkompla l-proċess ta' dan il-programm għall-Belt tal-kultura. |
| 17.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl lis-Sur Ramon Deguara sabiex tinħasel Triq il-Vitorja minħabba l-festa kif ukoll is-segretarju tal-każin tal-Banda is-Sur Owen Said ser jibgħat imejl biex il-kunsill jibgħata lis-Sur Deguara biex tinħasel il-Pjazza 4 ta' Settembru qabel il-kunċert. |
| 17.03.17 | Is-Sindku kellu talba sabiex issir Fashion Show fuq il-Forti San Mikiel bħal ma kien sar is-sena l-oħra fil-5 ta' Lulju tas-sena 2026. Il-Kunsilliera qablu dwar dan il-Fashion Show. |
| 17.03.18 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera sabiex issir bieb quddiem il-lift fis-sala tal-Forti San Mikiel sabiex ikun aktar sikur minħabba li l-lift jitla' fuq il-Forti biex jekk ikun hemm xi fault u jinżel fis-sala waqt li ħadd ma jkun hemm ikun hemm il-bieb magħluq biċ-cavetta. |
| 17.03.19 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet it-talba tas-Sinj. Veronica Mercieca mir-Reġjun Port sabiex tintuża s-sala tal-kunsill minn artisiti minn Sett sa Diċembru 2025. Il-Kunsilliera qablu unanimament li għal dan il għan it-talba għal użu tas-sala tal-kunsill tkun ta' 100 ewro fix-xahar għar-rehersals għal erba' siegħat fil-ġimgħa. |

| | |
|---|---|
| 17.03.20 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li fix-xahar ta' Settembru ser titfa' l-applikazjoni flimkien ma Lara Farrugia mis-SEM għal-Town Twinning ma Santa Croce di Camerina fl-Itlaja. |
| 17.03.21 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet il-fattura tal-AIS fejn dan ix-xogħol għadu mhux komplut għalhekk mhux ser jitħallas għal issa. Il-Kunsill qed jitkellem mal-MDIA minn fejn ingħatgħu il-fondi sabiex issir dan il-proġett biex ikun hemm gwida ta' kif għandu jitħallas dan il-kuntrattur għaliex qed jitlob il-ħlas ta' dak li sar. Dan ir-rapport għandu jsir minn enġinier imqabbgħad mill-kunsill lokali biex jivverifika x'sar u x' ma sarx mit-tender. |
| 17.03.22 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet it-talba għall-filming f' Ottubru għal Reality Show fil-parkeġġ ta' quddiem il-futbol ground fejn it-talba tad-donazzjoni kienet ta' 2000 ewro. Il-Kunsilliera qablu ma dan il-filming. |
| 17.03.23 | Is-Sinj. Joeline Attard infurmat lil kunsilliera preżenti li ser jerġa issir il-Code Week fis-17 t' Ottubru fl-iskola Primarja flimkien mal-kap tal-iskola Ms. Anna Napier. |
| 17.03.25 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet il-BOQ li intbgħatet mill-Perit tal-Kunsill sabiex issir il-Bankina fi Triq San Mikiel mill-fondi tal-Public Works. Din il-BOQ inħademt fuq it-template tal-Public Works biex tiġi uplowdjata fuq is-sitema tagħhom. |
| 17.03.26 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet ittra mibgħuta mit-Tribunal ta' Reviżjonijiet tal- PA bin-numru PA/00948/25 datata 23 ta' Lulju 2025, appell : 00243/25 sabiex issiru alterazzjonijiet fir-residenza 24 / 3 Triq is-Sirena k/m Triq ix-xatt J.B. Azopardo L-Isla ( Senglea ). Il-Kunsill qed jiġi ġentilment mitlub sabiex jinfroma lis-segretarja tat-Tribunal ta' Riveżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar jekk għadux interesat f'dan l-appell sabiex jattendi u jkun parti fil-kors tas-smigħ ta' dan l-appell. |
| **17.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 17.04.01 | Ma kienx hemm. |
| **17.5** | **Rapporti** |
| 17.5.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Lulju 2025 u l-petty cash ta' Lulju 2025 fejn ġew approvati mill-kunsillier Mario Gauci u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Joeline Attard. |

| | |
|---|---|
| **17.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 17.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 8/2025 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill- kunsillier Mario Gauci u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Joeline Attard. |
| **17.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 17.07.1 | Is-Seduta ntemmet fil-5:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 ta' Settembru 2025 fl-4:30p.m. |

Konfermati, illum 25 ta' Settembru 2025

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv